MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 265/2002/1

**Peter Azzopardi**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-6 ta' Marzu, 2002, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur jaghmel uzu mill-fond bl-isem ta' *"Truflo Filters"*, Triq il-Kanun, Qormi, u dana ghal diversi snin, u ghandu provvista tad-dawl minghand il-korporazzjoni konvenuta;

L-attur dejjem hallas il-kontijiet tad-dawl regolari hekk kif mahruga mill-korporazzjoni konvenuta, liema kontijiet tad-dawl igibu n-numri 225834400/0;

Fil-5 ta' Lulju, 1999, l-attur ircieva kont tad-dawl numru 1752015-8, *vide* **Dok A** fejn gie indikat li ghas-sitt xhur ta' bejn it-28 ta' Novembru, 1997 u l-14 ta' Mejju 1998, skond il-meter tad-dawl tal-korporazzjoni konvenuta sitwat fil-fond tal-attur u moqri minn impjegat tal-istess korporazzjoni, huwa kien ikkonsuma 100,788 *units* tad-dawl, kkwantifikat f'kont ta' Lm3,725.77, liema ammont kien jeccedi, possibbilment b'madwar 100,000 *unit*, il-media registrata mill-attur tul is-snin kollha li ilu jokkupa l-fond, kif jidher fid-dokument hawn anness u mmarkat **Dok B**;

Wara tali kont, il-konsum tad-dawl hekk kif moqri mill-impjegati tal-korporazzjoni konvenuta regga' gie lura ghal dak il-media minnu registrata u tali qari baqa' dejjem konsistenti anke wara li tali meter imbiddel fuq rikjesta tal-attur;

Minkejja skambju ta' korrispondenza, li fiha, fost affarijiet ohra, ir-rapprezentant tal-korporazzjoni konvenuta ikkonferma li *"l-meters li twahhlu wara kollha rregistraw konsum baxx"*, *vide* **Dok C,** il-korporazzjoni konvenuta baqghet tinsisti u tghid illi tali ragunament ma kienux bizzejjed, abbazi tar-Regolamenti Principali tal-Provvista ta' l-Elettriku, sabiex huma jaqblu illi jirrevedu l-kont sabiex jirrefletti dak li attwalment gie kkonsmat;

Huwa car u manifest li l-kont ta' 100,781 *unit* tad-dawl ghall-perjodu bejn it-28 ta' Novembru, 1997 u l-14 ta' Mejju, 1998 kien rizultat ta' difett ta' darba u mhux riskontrabbli fl-apparat tal-meter tad-dawl proprjeta' tal-korporazzjoni konvenuta b'mod illi dak li attwalment deher fil-meter ma kienx jirrispekkja dak li attwalment gie kkonsmat mill-attur;

L-attur, ghalhekk, ma ghandhux ihallas il-kont ta' Lm3,725.77 u ghalhekk huwa kellu johrog Mandat ta' Inibizzjoni Nru 421/02 illi gie akkordat b'mod definittiv fis-26 ta' Frar, 2002, **Dok D**;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kont Nru 1752015 – 8 mahrug fil-5 ta' Lulju, 1999 huwa zbaljat u rizultat ta' difett fl-apparat tal-meter tad-dawl proprjeta' tas-socjeta' konvenuta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kont Nru 1752015 – 8 ghandu jigi emendat mis-socjeta' konvenuta b'mod illi l-100,000 *unit* zejda illi l-meter tad-dawl wera, jew ammont iehor li tistabilixxi dina l-Qorti, jigi mnaqqas minn tali kont sabiex dana jirrifletti dak li attwalment ikkonsma l-attur fil-perjodu 20 ta' Novembru, 1997 sa l-14 ta' Mejju, 1998;

3. Tinibixxi permanentement lill-korporazzjoni konvenuta milli taqta' l-provvista tad-dawl ghall-fond Truflo Filters, Triq il-Kanun, Qormi, galadarba l-kont Nru 1752015 – 8 jirrizulta li kien rizultat ta' difett mhux riskontrabbli fl-apparat tad-dawl.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 421/02 u bl-ingunzjoni tal-korporazzjoni konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta li in forza taghha eccepiet illi;

L-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, *stante* li l-ammont mitlub mill-eccipjenti huwa fil-fatt dovut bhala konsum ta' provvista ta' elettriku registrat fuq il-fond in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat id-digrieti moghtija minn din il-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi l-attur jaghmel uzu mill-fond bl-isem ta' *"Truflo Filters"*, Triq il-Kanun, Qormi, u l-kont tal-elettriku li kien jircievi minghand il-Korporazzjoni konvenuta kien regolarment juri konsum baxx u kien jigi mhallas regolarment. Fil-5 ta' Lulju, 1999, l-attur ircieva kont ta' Lm3,725.75 rapprezentanti konsum ta' 100,788 *units* tad-dawl u dan ghas-sitt xhur bejn it-28 ta' Novembru, 1997, u l-14 ta' Mejju, 1998. Meta l-attur ircieva dan il-kont, huwa mill-ewwel ikkontestah, u l-Korporazzjoni konvenuta, fuq talba tal-attur, biddlet il-meter, wahlet wiehed gdid u hadet l-antik fl-ufficcju taghha biex jigi testjat mill-inginiera taghha. Meta dan il-meter gie ittestjat, instab li kien jahdem tajjeb u ma kellu ebda hsarat jew difetti li kellhom iwassluh juri qari aktar mill-konsum effettiv. Il-qari tal-meter kemm qabel kif ukoll wara l-perjodu in kwistjoni kien wiehed baxx, bl-ghala kont li l-attur qatt gie mitlub ihallas ikun ta' ftit anqas minn Lm170.

Fuq ir-*reading* partikolari xehed il-*meter-reader*, Charlot Agius, li spjega li hu jaf li l-hanut in kwistjoni tal-attur mhux mghammar biex juza konsum gholi ta' elettriku; huwa post mudlam li hlief dawl fl-ufficcju ma jkunx hemm. Fil-waqt li f'perjodu taz-zmien indikat, hu possibbli li post bhal dak juza 700 *unit* ta' elettriku, huwa *"impossibli"*, li juza konsum ta' 100,000 *unit*. Ix-xhud spjega li meta n-numri tal-meter ikunu bejn numru u iehor, mhux dejjem ikun car liema jkun in-numru effettiv li jindika l-konsum, u dan peress li l-meter ma jkunx sinkronizzat bizzejjed. F'dan il-kaz, hu probabbli li l-ewwel numru tal-meter, li hu meter b'6 *digits*, kien bejn 0 u 1, u hu, bi zball, qrah bhala 1, b'mod li l-meter gie registrat li indika konsum ta' aktar minn 100,000 *unit* f'temp ta' sitt xhur. Huwa ppresenta r-*records* tal-qari tal-meter tal-attur, u apparti l-fatt li minnhom jidher li l-konsum dejjem kien wiehed baxx, fiz-zmien in kwistjoni, minn qari ta' 60149, fil-perjodu

precedenti, il-meter irregistra qabza ghal 160937. Jidher li, fid-dawl tax-xhieda tal-*meter reader*, il-qari kellu jkun ta' 60937, li jkun jindika konsum ta' 788 *units*. Din is-sitwazzjoni tidher aktar probabbli, ghax meta tqies li hawn si tratta minn hanut zghir, u mhux minn xi fabbrika industrijali jew kumpless kummercjali, l-uzu ta' 'l fuq minn 100,000 *unit* f'perjodu qasir ta' sitt xhur, jidher li hu improbabbli.

Hu veru li l-meter gie testjat u instab li kien jahdem tajjeb, u hu veru wkoll li l-meter, normalment ghandu jitqies bhala prova xjentifika u oggettiva tal-konsum, pero', hawnhekk, mhux qed jigi allegat xi malfunction fil-meter, izda *"human error"*, zball li facli li seta' sar u li, ftit jew wisq, hu ammess li sar mill-istess *meter-reader*. Huwa wkoll veru li l-fatt li l-qari tal-meter, qabel u wara l-perjodu in kwistjoni, kien jindika dejjem konsum baxx, m'hiex raguni accettata mir-regolamenti tal-Provvista ta' l-Elettriku bhala bazi ghar-revizjoni tal-qari, *pero'*, huwa daqstant veru li, fic-cirkustanzi ta' dan il-kaz, il-*common sense* kellu jindika li sar xi zball x'imkien. F'dan il-kaz, il-*meter reader* ta' spjegazzjoni plawsibbli ta' ghalhiex hu ha zball fil-qari tal-meter, u z-zieda ta' 100,000 *unit* f'daqqa tidher li hi esagerata.

It-talbiet tal-attur ghandhom, ghalhekk, jigu milqugha u l-kont ghandu jigi rivedut biex ghaz-zmien in kwistjoni, jirregistra konsum ta' 788 *unit* ta' elettriku. Il-Qorti, pero', ma tistax tilqa' t-tielet talba tal-attur, u dan mhux biss ghax talba ghall-konferma b'mod indefinit ta' Mandat ta' Inibizzjoni hija *"guridikament erronea"* (ara "Borg vs Aquilina", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-12 ta' Frar, 1984), izda ghax id-dritt tal-Korporazzjoni konvenuta li taqta' l-provvista tal-elettriku johrog mil-ligi, u f'kazijiet kongruwi, jista' jkun li l-korporazzjoni jkollha l-htiega li, 'l quddiem, tirrikorri ghal din il-mizura.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici, fis-sens li tiddeciedi illi l-kont numru 1752015 – 8 mahrug fil-5 ta' Lulju, 1999, huwa zbaljat rizultat ta' *"human error"*, u tordna lill-Korporazzjoni

konvenuta sabiex tohrog kont iehor rivedut b'mod li tnaqqas minnu konsum ta' 100,000 *unit*, sabiex il-konsum tal-elettriku fil-perjodu in kwistjoni jigi jaqra 788 *unit*, u l-hlas mitlub jigi jirrifletti dan il-konsum; tichad it-tielet talba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwart (¼) mill-attur u tlett kwarti (¾) mill-Korporazzjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------